MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 442/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Jannar, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Giovanna Borg u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, fuq ammissjoni, sabitu hati w ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet il-htija w thassar l-istess kwantu ghall-piena w dana billi tinfliggi piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi dan huwa appell limitatament fuq il-piena. Illi l-appellant huwa impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment kollu. Huwa qed ihallas il-manteniment tal-omm izda ftiehem ma' martu li meta tigi mibjugha d-dar matrimonjali (stimata circa LM400,000) mir-rikavat l-ewwel jitnaqqas favur il-mara l-manteniment li jkun dovut lit-tifla. Illi l-omm dawn il-flus ser tehodhom pero' bhalissa l-appellant ma ghandux likwidita' ta' flus biex ihallas. Minkejja li taf dan kollu, l-mara xorta tibqa' taghmel il-kwereli mhux wisq habba flus (apparti l-manteniment li jhallas ir-ragel il-mara tircievi assistenza socjali, imghax fuq flus depozitati etc) izda semplicement sabiex tiehu l-pjacir li zewgha jmur il-habs kif sehh f'dina l-istanza. Illi certament dan il-kaz ma jimmeritax habs effettiv u dana ghaliex hawn si tratta ta' mara li ghandha biex tghix tajjeb minn dhul iehor ta' appellant li genwinament ma jistax ihallas; u ta' sitwazzjoni fejn dak li jista' jithallas qed jithallas u dak li ghadu dovut zgur li ser jithallas eventwalment. Fic-cirkostanzi detenzjoni effettiva setghet giet evitata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fl-udjenza tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w, kif dejjem gie ritenut, din il-Qorti, bhala qorti ta'

revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn). Certament li l-piena ta' gimghatejn detenzjoni taqa' entro l-parametri tal-ligi fejn fil-massimu taghha tista' anki tlahhaq sa xaharejn detenzjoni.

l-appellant pero' jobbjetta li huwa impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment kollu ghax m'ghandux likwidita' biex ihallas. Proprjament dan hu aggravju li aktar jikkoncerna l-mertu tal-htija o meno tal-appellant milli l-piena. Issa, kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali . **"Il-Pulizija vs. Anthony Saliba**; [15.7.1998] il-fatt li persuna, per ezempju, tisfa' bla xoghol [f' dal-kaz qed jallega li gie *"boarded out"]* ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja w ir-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla w tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha.

Illi umbaghad apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita’ fizika li jwettaq l-obbligi tieghu fil-periodu in kwistjoni, kif isostni ANTOLISEI fil-”Manuale di Diritto Penale” (Parte Generale, Giuffre’ (Milano) 1989 , p.376.) , l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita’ ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Kang Se Il”** , [28.7.94] per V. De Gaetano J.; **“Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri”** [18.9.2002] u ohrajn.)

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta’ natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta‘ kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta‘ reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f‘ certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta’ detenzjoni jew ammenda, ammonizzjoni w reprensjoni jew xi provvediment taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Anki l-aggravju bazat fuq il-motivazzjoni ta’ martu biex taghmel rapporti fil-konfront tieghu hu infondat billi martu ghandha kull dritt li tagixxi b’ dan l-mod kemm il-darba hu ma jhallasx il-manteniment minnu dovut regolarment jew puntwalment.

Lanqas ma hu rilevanti ghall-*”plea in mitigation”* il-mezzi finanzjarji jew introjti ohra li jista’ jkollha mart l-appellant.

Illi din mhux l-ewwel darba li l-appellant qed jidher fuq akkuza simili w din il-Qorti f’ okkazzjoni precedenti fejn kien hallas il-manteniment dovut fil-mori tal-appell, kienet uriet klemenza mieghu. Pero’ f’ dan il-kaz baqa’ ma

hallasx u ghalhekk ma hemm ebda lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------